Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 642/2010

tal-20 ta' Lulju 2010

dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali

(kodifikazzjoni)

(ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 259/2011 tas-16 ta' Marzu 2011	L 70	31	17.3.2011
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 643/2011 tal-1 ta' Lulju 2011	L 175	1	2.7.2011

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 642/2010

tal-20 ta' Lulju 2010

dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali

(kodifikazzjoni)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 143 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 [2] ġie emendat kemm-il darba b'mod sostanzjali [3]. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) L-Artikolu 135 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi sabiex japplikaw ir-rati ta' dazji tat-Tariffa Doganali Komuni meta l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1 tiegħu jiġu impurtati. Madankollu, għall-prodotti mniżżla fl-Artikolu 136(1) tal-imsemmi Regolament, id-dazju ta' importazzjoni għandu jkun il-prezz ta' intervent validu għal dawn il-prodotti dak il-ħin tal-importazzjoni, miżjud b'55 % u mbagħad imnaqqas bil-prezz ta' importazzjoni cif applikabbli għall-kunsinna.

(3) Għall-għanijiet tal-klassifikazzjoni tal-prodotti impurtati, il-prodotti koperti bl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom f'ċerti każijiet ikunu kklassifikati f'bosta kwalitajiet standard. Il-kwalitajiet standard li għandhom jiġu użati għandhom għalhekk ikunu stabbiliti billi jkunu użati kriterji oġġettivi ta' kklassifikar u r-rati ta' tolleranza għandhom ikunu stabbiliti wkoll sabiex iħallu li l-prodotti jingħataw l-aktar klassifikazzjoni ta' kwalità addattata. Mill-kriterji oġġettivi ta' klassifikazzjoni ta' kwalità possibbli għal qamħ komuni, il-kontenut ta' proteini, il-piż speċifiku u l-kontenut ta' impurità varja (Schwarzbesatz) huma dawk l-aktar użati fin-negozju u l-aktar faċli li jintużaw ukoll. Għall-qamħ durum dawn il-kriterji huma l-piż speċifiku, il-kontenut ta' impurità varja (Schwarzbesatz) u l-kontenut ta' żerriegħa żġiġija. Għaldaqstant, l-oġġetti impurtati għandhom ikunu soġġetti għal analiżi sabiex ikunu stabbiliti dawn il-parametri għal kull kwantità impurtata. Iżda fejn l-Unjoni stabbiliet proċedura ta' rikonoxximent uffiċjali għal ċertifikati ta' kwalità maħruġa minn awtorità fil-pajjiż minn fejn oriġinaw l-oġġetti, dawn l-analiżi għandhom ikunu jistgħu jsiru biss permezz ta' verifika fuq numru suffiċjentement rappreżentattiv ta' oġġetti impurtati.

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007. p. 1.
[2] ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
[3] Ara l-Anness VIII.

▼B

(4) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jispeċifika li sabiex ikun ikkalkulat id-dazju ta' importazzjoni għandhom ikunu stabbiliti minn żmien għal żmien prezzijiet ta' importazzjoni cif għall-prodotti li għalihom jirreferi l-paragrafu 1 tiegħu. Sabiex ikunu stabbiliti dawn il-prezzijiet għandu jkun stipulat l-użu ta' kwotazzjonijiet għall-bosta kwalitajiet ta' qamħ u għaċ-ċereali l-oħra. Is-sorsi ta' kwotazzjoni attwali li għandhom jiġu użati għandhom ikunu speċifikati.

(5) L-użu ta' kwotazzjonijiet għal varji tipi ta' qamħ u għal ċereali oħra fil-borż ta' materji primi tal-Istati Uniti tal-Amerika għandhom jipprovdu bażi kemm trasparenti u kemm oġġettiva sabiex ikunu stabbiliti l-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif. Iż-żieda tal-primjum kummerċjali allokat fis-suq tal-Istati Uniti għal kull waħda mill-kwalitajiet varji ta' ċereali tippermetti li l-kwotazzjoni fil-borża għal kull ċereali tkun mibdula fi prezz ta' esportazzjoni fob mill-Istati Uniti tal-Amerika. Biż-żieda tal-ispejjeż tal-ġarr bil-baħar bejn il-Golf tal-Messiku jew il-Great Lakes u port Unjoni li huma kkwotati fis-swieq tal-merkanzija dawn il-prezzijiet fob jistgħu jiġu mibdula fi prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif. Fid-dawl tal-volum ta' merkanzija għaddejja u tal-ammont ta' negozju fil-port ta' Rotterdam, din hija d-destinazzjoni fl-Unjoni li għaliha l-kwotazzjonijiet ta' ġarr bil-baħar huma l-aktar magħrufa, l-aktar trasparenti u l-aktar faċilment disponibbli. Il-port ta' destinazzjoni li għandu jintgħażel għall-Unjoni għandu għalhekk ikun Rotterdam.

(6) Għaldaqstant, sabiex ikun hemm trasparenza l-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif indikati fl-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu stabbiliti minn kwotazzjonijiet fil-borża ta' materji primi għaċ-ċereali inkwistjoni miżjuda bil-primjum kummerċjali allokat għaċ-ċereali u bl-ispejjeż ta' ġarr bil-baħar bejn il-Golf tal-Messiku jew il-Great Lakes u l-port ta' Rotterdam. Iżda d-differenzi fl-ispiża tal-ġarr skont il-port ta' destinazzjoni jiġġustifikaw aġġustament b'rata fissa tad-dazju ta' importazzjoni għall-portijiet tal-Unjoni li qegħdin fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, fil-Kosta Atlantika tal-Peninsula Iberika, fir-Renju Unit u fl-Irlanda, fil-pajjiżi Nordiċi, fil-pajjiżi Baltiċi u fil-Polonja. Il-fatturi li bihom jiġu kkalkulati l-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif hekk stabbiliti għandhom ikunu kkontrollati kuljum sabiex l-andament ta' dawn il-prezzijiet jista' jkun segwit. Fil-każ ta' sorghum u segala, il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni cif ikkalkulat għax-xgħir jippermetti li tkun stmata s-sitwazzjoni fis-suq għal dawk iż-żewġ prodotti u konsegwentement il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni cif stabbilit għax-xgħir ikun japplika wkoll għal dawn iċ-ċereali.

(7) Għall-għan li jiġi ffissat id-dazju ta' importazzjoni fuq iċ-ċereali indikat fl-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, perijodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ta' reġistrazzjoni tal-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif għal kull ċereali għandu jirrifletti l-andament tas-suq mingħajr ma jdaħħal inċertezzi. Dazji ta' importazzjoni għal dawn il-prodotti jistgħu b'hekk ikunu stabbiliti fil-ħmistax-il ġurnata u l-aħħar ġurnata ta' xogħol ta' kull xahar bl-użu tal-prezz medju rappreżentattiv ta' importazzjoni cif irreġistrat matul ġimgħatejn. Id-dazju ta' importazzjoni b'hekk ikkalkulat jista' jkun applikat għal

▼B

ġimgħatejn mingħajr ma jseħħ l-ebda effett ta' tgħawwiġ apprezzabbli fuq il-prezz ta' importazzjoni bid-dazju mħallas. Madankollu, jekk l-ebda kwotazzjoni fil-borża ma tkun disponibbli matul il-perijodu ta' kalkolu għall-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif jew jekk b'konsegwenza ta' bidliet f'daqqa fil-komponenti tagħhom għall-kalkolu tad-dazju ta' importazzjoni, il-prezzijiet rapprezentattivi ta' importazzjoni cif ivarjaw b'mod sostanzjali ħafna matul il-perijodu ta' kalkolu, għandha tittieħed azzjoni sabiex iżżomm prezz li jirrappreżenta b'mod xieraq il-prezz tal-importazzjoni cif tal-prodott inkwistjoni. Fil-każ ta' varjazzjonijiet kbar jew fil-kwotazzjoni fil-borża, jew fil-primjums kummerċjali marbuta mal-kwotazzjoni, jew fl-ispejjeż ta' ġarr bil-baħar jew fir-rata tal-kambju użata sabiex ikun ikkalkulat il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni cif tal-prodott, il-prezz użat sabiex ikun ikkalkulat id-dazju ta' importazzjoni għandu jinżamm rappreżentattiv permezz ta' aġġustament li jikkorrispondi għaddevjazzjoni minnu li dawn il-bidliet huma responsabbli għalihom. Anki fejn isir dan it-tip ta' aġġustament, iż-żmien tal-iffissar li jmiss m'għandux ikun affettwat.

(8) Fil-każ ta' importazzjoni ta' qamħirrum iebes, minħabba l-kwalità partikolari tal-merkanzija jew minħabba li l-prezz tagħha jinkludi primjum għall-kwalità fuq il-prezz normali, il-kwotazzjoni fil-borża użata għall-kalkolu tal-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni cif ma tiħux inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' tali primjum fuq kundizzjonjiet tas-suq normali. Sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni dan il-primjum għall-kwalità fuq prezzijiet jew kwotazzjonijiet, importaturi li juru li użaw il-merkanzija sabiex jagħmlu prodotti ta' kwalità għolja li jiġġustifikaw l-eżistenza ta' tali kumpens għandhom jitħallsu lura, b'rata fissa, parti mid-dazju ta' importazzjoni mħallas.

(9) Sabiex ikun assigurat li l-importaturi jirrispettaw il-klawsoli ta' dan ir-Regolament għandha tiġi stabbilita sistema ta' garanziji addizzjonali għal dik li għandha x'taqsam mal-liċenzi.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-rati ta' dazji tat-Tariffa Doganali Komuni indikati fl-Artikolu 135 u fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu dawk applikabbli fid-data stipulata bl-Artikolu 67 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([1]).

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼B

Artikolu 2

1. Id-dazji ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għall-prodotti tal-Kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ komuni ta' kwalità għolja), 1002 00 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, minbarra l-ibridu għaż-żriegħ għandhom jiġu kkalkulati kuljum imma jkunu ffissati fil-15-il jum u l-aħħar jum ta' xogħol ta' kull xahar mill-Kummissjoni għal applikazzjoni mis-16-il jum tax-xahar u mill-ewwel jum tax-xahar ta' wara, rispettivament. Fejn il-15 ma jkunx jum ta' xogħol għall-Kummissjoni, id-dazji għandhom jiġu ffissati fil-jum ta' xogħol li jiġi wara l-15 tax-xahar inkwistjoni.

Madankollu, jekk matul il-perijodu ta' applikazzjoni tad-dazji hekk iffissati, ikun hemm differenza fid-dazju ta' importazzjoni medju kkalkulat ta' EUR 5 għal kull tunnellata jew aktar minn dak iffissat, għandu jsir aġġustament korrispondenti.

2. Il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju ta' importazzjoni għandu jkun il-prezz rappreżentattiv ta' importazzjoni cif ta' kuljum, iffissat kif stipulat fl-Artikolu 5. Għall kull iffissar, id-dazju ta' importazzjoni huwa l-medja ta' dazji ta' importazzjoni kkalkulati matul l-għaxart ijiem ta' xogħol ta' qabel. Għall-iffissar u aġġustamenti, il-Kummissjoni m'għandhiex tieħu kont ta' dazji ta' importazzjoni ta' kuljum użati għall-iffissar ta' qabel.

Il-prezz ta' intervent li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazji għandu jkun dak tax-xahar li fih japplikaw id-dazji ta' importazzjoni.

3. Dazji ta' importazzjoni ffissati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli sakemm jidħol fis-seħħ iffissar ġdid.

Fl-okkazjoni ta' kull iffissar jew aġġustament, il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* d-dazji ta' importazzjoni u l-informazzjoni użata sabiex dawn ikunu kkalkulati.

4. Meta l-port tal-ħatt fl-Unjoni jinsab:

(a) fil-Mediterran (lil hinn mill-istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk il-merkanzija tkun ġejja mill-Oċean Atlantiku jew għaddejja mill-kanal ta' Suez, il-Kummissjoni tnaqqas id-dazju ta' importazzjoni għal 3 EUR it-tunnellata;

(b) fil-portijiet Atlantiċi tal-Peninsula Iberika, fir-Renju Unit, fl-Irlanda, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja u fl-Isvezja, u jekk il-merkanzija tasal mill-Oċean Atlantiku, il-Kummissjoni għandha tnaqqas id-dazju ta' importazzjoni bl-ammont ta' EUR 2 għal kull tunnellata.

L-awtorità doganali fil-port fejn isir il-ħatt għandha toħroġ ċertifikat skont il-mudell mogħti fl-Anness I li jaffetma l-kwantità ta' kull prodott li nħatt. Biex jingħata t-tnaqqis tad-dazju previst fl-ewwel subparagrafu dan irid jakkumpanja l-oġġetti sat-tmiem tal-formalitajiet doganali ta' importazzjoni.

▼B

Artikolu 3

1. Id-dazji ta' importazzjoni għandhom jitnaqqsu b'EUR 24 kull tunnellata fuq qamħirrum iebes li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet imniżżla fl-Anness II.

2. Sabiex igawdi mit-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1, qamħirrum iebes għandu jkun ipproċessat fi prodott tal-Kodiċijiet NM 1904 10 10, 1103 13 jew 1104 23 fi żmien sitt xhur mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni libera.

3. Għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet dwar l-użu finali previsti fl-Artikolu 82 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u fl-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]).

4. B'deroga mill- Artikolu 293(1)(e) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-importatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti garanzija addizzjonali ta' EUR 24 għall kull tunnellata ta' qamħirrum iebes, ħlief meta l-liċenza ta' importazzjoni jkollha magħha ċertifikat ta' konformità maħruġ mis-Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Algroalimentaria (Senasa) tal-Arġentina, skont l-Artikolu 7(2)(a) ta' dan ir-Regolament. F'dan il-każ, fil-kaxxa 24 tal-applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni għandhom jissemmew it-tip ta' ċertifikat ta' konformità u n-numru tiegħu.

Jekk madankollu d-dazju li jkun japplika fid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera jkun anqas minn EUR 24 kull tunnellata ta' qamħirrum, il-garanzija għandha tkun ekwivalenti għall-ammont tad-dazju.

Artikolu 4

L-istandards ta' kwalità li għandhom jintlaħqu mal-importazzjoni fl-Unjoni u t-tolleranzi li għandhom jitħallew għandhom ikunu dawk murija fl-Anness II.

Artikolu 5

1. ►**M2** Għal qamħ komuni ta' kwalità għolja, qamħ durum, u qamħirrum imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-Regolament, il-komponenti li jiddeterminaw il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif imsemmija fl-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu: ◄

(a) il-kwotazzjoni fil-borża rappreżentattiva fuq is-suq tal-Istati Uniti tal-Amerika;

(b) il-primjums kummerċjali u l-iskontijiet magħrufa marbuta ma' din il-kwotazzjoni fis-suq tal-Istati Uniti tal-Amerika fil-jum tal-kwotazzjoni u b'mod partikolari, fil-każ ta' qamħ durum, marbuta mal-kwalità tas-smid;

(c) il-ġarr bil-baħar u spejjez assoċjati bejn l-Istati Uniti tal-Amerika (Golf tal-Messiku jew Duluth) u l-port ta' Rotterdam għal bastiment ta' mhux anqas minn 25 000 tunnellata.

2. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra kull jum ta' xogħol:

(a) il-komponent imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 abbażi tal-boroż u billi jintużaw il-kwalitajiet ta' referenza murija fl-Anness III;

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼B

(b) komponenti msemmija fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 abbażi ta' informazzjoni disponibbli pubblikament.

3. Sabiex ikun jista' jiġi kkalkulat il-komponent imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 jew il-kwotazzjoni fob rilevanti, għandhom japplikaw il-primjums u l-iskontijiet li ġejjin:

(a) primjum ta' EUR 14 kull tunnellata għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja;

(b) skont ta' EUR 10 kull tunnellata għall-qamħ durum ta' kwalità medja;

(c) skont ta' EUR 30 kull tunnellata għall-qamħ durum ta' kwalità baxxa.

▼M2

4. Il-prezzijiet ta' importazzjoni rappreżentattivi cif għall-qamħ durum, qamħ komuni ta' kwalità għolja u qamħirrum se jkunu t-total tal-komponenti msemmija f'punti (a), (b) u (c) ta' paragrafu 1. Il-prezzijiet ta' importazzjoni rappreżentattivi cif għas-sorgu u s-segala huma dawk ikkalkulati għall-qamħirrum.

▼B

5. Il-prezzijiet rappreżentattivi ta' importazzjoni cif għaż-żerriegħa tal-qamħ komuni tal-Kodiċi NM 1001 90 91 u għażżerriegħa tal-qamħirrum tal-Kodiċi NM 1005 10 90 għandhom ikunu dawk ikkalkulati għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja u għall-qamħirrum rispettivament.

Artikolu 6

1. Applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja għandhom ikunu validi biss jekk l-applikant:

(a) iniżżel il-kwalità li ser tkun impurtata fil-kaxxa 20 tal-liċenza ta' importazzjoni;

(b) jintrabat bil-miktub li jipprovdi lill-korp kompetenti rilevanti, fid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, garanzija speċifika u addizzjonali għal dawk previsti fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 ([1]).

Il-garanzija addizzjonali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, għandha tkun ta' EUR 95 kull tunnellata. Madankollu, f'każijiet fejn il-liċenza ta' importazzjoni għandu jkollha magħha ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-Federal Grain Inspection Service (FGIS) u mill-Canadian Grain Commission (CGC) skont l-Artikolu 7(2)(b) jew (c), m'għandha tintalab ebda garanzija addizzjonali. F'dan il-każ, fil-kaxxa 24 tal-applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni u tal-liċenza ta' importazzjoni għandhom jissemmew it-tip ta' ċertifikat ta' konformità u n-numru tiegħu.

2. Applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni għall-qamħ durum għandhom ikunu validi biss jekk l-applikant:

(a) iniżżel il-kwalità li ser tkun impurtata fil-kaxxa 20 tal-liċenza ta' importazzjoni;

(b) jintrabat bil-miktub li jipprovdi lill-korp kompetenti rilevanti, fid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, garanzija speċifika u addizzjonali għal dawk previsti fl-Artikolu 12 tar- Regolament (KE) Nru 1342/2003, jekk id-dazju ta' importazzjoni dwar il-kwalità li tidher fil-kaxxa 20 tal-liċenza ta' importazzjoni mhijiex l-ogħla dazju għall-kategorija tal-prodott inkwistjoni.

([1]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.

▼B

L-ammont tal-garanzija addizzjonali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jkun id-differenza fil-jum tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera bejn l-ogħla dazju u dak li japplika għall-kwalità indikata, flimkien ma' suppliment ta' EUR 5 kull tunnellata. Madankollu, fejn id-dazju ta' importazzjoni li jkun japplika għall-kwalitajiet differenti ta' qamħ huwa żero, ir-rabta mniżżla fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu m'għandhiex tkun mitluba.

Fejn il-liċenza ta' importazzjoni għandu jkollha magħha ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-Federal Grain Inspection Service (FGIS) u mill-Canadian Grain Commission (CGC) skont l-Artikolu 7, m'għandha tintalab ebda garanzija addizzjonali. F'dan il-każ, fil-kaxxa 24 tal-liċenza ta' importazzjoni għandu jissemma t-tip ta' ċertifikat ta' konformità.

3. Fil-każ ta' sospensjoni tad-dazji doganali għall-importazzjoni tal-kategoriji kwalitattivi kollha tal-qamħ komuni skont l-Artikolu 187 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-garanzija addizzjonali ta' EUR 95 kull tunnellata msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tintalab għall-perijodu kollu li matulu tapplika s-sospensjoni tad-dazji.

Artikolu 7

1. L-uffiċċju tad-dwana tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għandu jieħu kampjuni rappreżentattivi, skont l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 152/2009 ([1]), ta' kull kunsinna ta' qamħ komuni ta' kwalità għolja, ta' qamħ durum u ta' qamħirrum iebes. Madankollu, m'għandux ikun hemm teħid ta' kampjuni fejn id-dazju ta' importazzjoni għall-kwalitajiet differenti huwa l-istess.

Jekk, madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi b'mod uffiċjali ċertifikat ta' kwalità għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja, qamħ durum jew qamħirrum iebes maħruġ mill-pajjiż tal-oriġini taċ-ċereali, għandhom jittieħdu kampjuni għall-verifika tal-kwalità ċċertifikata biss minn numru suffiċjentement rappreżentattiv ta' kunsinni.

2. Iċ-ċertifikati ta' konformità li ġejjin għandhom ikunu rikonoxxuti b'mod uffiċjali mill-Kummissjoni skont il-prinċipji mniżżla fl-Artikoli 63 sa 65 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93:

(a) ċertifikati maħruġa mis-Servicio Nacional de Sanidad y Calidad Agroalimentaria (Senasa) tal-Arġentina għall-qamħirrum iebes;

(b) ċertifikati maħruġa mill-Federal Grains Inspection Services (FGIS) tal-Istati Uniti tal-Amerika għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja u qamħ durum ta' kwalità għolja;

(c) ċertifikati maħruġa mill-Canadian Grain Commission (CGC) tal-Kanada għall-qamħ komuni ta' kwalità għolja u qamħ durum ta' kwalità għolja.

Mudell taċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa minn Senasa jinsab fl-Anness IV. Riproduzzjoni tat-timbri awtorizzati mill-gvern tal-Arġentina ser tigi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.

▼B

Mudelli taċ-ċertifikati ta' konformità u timbri maħruġa mill-FGIS jinsabu fl-Anness V.

Mudelli taċ-ċertifikati ta' konformità, speċifikazzjonijiet ta' gradi għall-esportazzjoni u timbri maħruġa mis-CGC jinsabu fl-Anness VI.

Fejn il-parametri analitiċi li jitniżżlu fiċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-entitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu juru li hemm konformità mal-istandards ta' kwalità dwar qamħ komuni ta' kwalità għolja, qamħ durum u qamħirrum iebes imsemmija fl-Anness II, għandhom jittieħdu kampjuni ta' mhux anqas minn 3 % tat-tagħbijiet li jaslu f'kull port ta' dħul matul is-sena tas-suq.

Il-merkanzija għandha tiġi kklassifikata skont il-kwalità standard li għaliha r-rekwiżiti indikati fl-Anness II jkunu ġew sodisfatti.

3. Il-metodi standard għall-analiżi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawk mogħtija fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 ([1]).

Qamħirrum iebes huwa qamħirrum tal-ispeċi *Zea mays indurata* li ż-żrieragħ tiegħu fihom endosperma żġigija dominanti (tinħass iebsa jew qisha qarn). Ġeneralment dawn ikunu oranġjo jew ħomor. Il-parti ta' fuq (faċċata tal-ġerma), jew il-kuruna, ma turi l-ebda xaqq.

Żrieragħ żġiġin tal-qamħirrum iebes huma definiti bħala żrieragħ li jissodisfaw żewġ kriterji:

(a) il-kuruna tagħhom ma turi l-ebda xaqq, u

(b) meta maqtugħa mit-tul l-endosperma tagħhom turi parti ċentrali mlaħħma mdawwra għal kollox b'parti li qisha qarn. Il-parti li qisha qarn trid tammonta għall-parti dominanti mit-total tal-wiċċ tal-qatgħa.

Il-perċentwal ta' żerriegħa żġiġija għandu jiġi stabbilit billi jingħadd, f'kampjun rappreżentattiv ta' 100 żerriegħa, in-numru ta' żerrigħat li jissodisfaw il-kriterji mniżżla fit-tielet subparagrafu.

Il-metodu ta' referenza għall-kalkolu tal-indiċi ta' kemm f'wiċċ l-ilma huwa mogħti fl-Anness VII.

4. Jekk ir-riżultati tal-analiżi juru li l-qamħ komuni ta' kwalità għolja, qamħ durum u qamħirrum iebes li ġew impurtati huma ta' kwalità standard aktar baxxa minn dik li tniżżlet fuq il-liċenza ta' importazzjoni, l-importatur għandu jħallas id-differenza bejn id-dazju ta' importazzjoni li japplika għall-prodott muri fuq il-liċenza u dak fuq il-prodott li attwalment ġie impurtat. F'dan il-każ, il-garanzija għall-liċenza ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 (a) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003 u l-garanzija addizzjonali msemmija fl-Artikolu 3(4), u fl-Artikolu 6 (1) u (2) ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu rilaxxati, ħlief għas-suppliment ta' EUR 5 msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2).

Jekk id-differenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ma titħallasx fi żmien xahar, il-garanzija addizjonali msemmija fl-Artikolu 3(4) u fl-Artikolu 6(1) u (2) tintilef.

5. Kampjuni rappreżentattivi ta' ċereali impurtati meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandhom jinżammu għal sitt xhur.

([1]) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

▼B

Artikolu 8

Ir-Regolament (KE) Nru 1249/96 huwa mħassar.

Ir-referenzi magħmula għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Ċertifikat mudell imsemmi fl-Artikolu 2(4)

Numru tal-liċenzja ta' importazzjoni: .....

Detentur (isem, indirizz sħiħ u Stat Membru): .....

Korp li joħroġ l-estratt (isem u indirizz): .....

Drittijiet assenjati lil (isem, indirizz sħiħ u Stat Membru): .....

Prodott li nħatt (kodiċi CN u, għal qamħ komuni, qamħ durum u qamħirrum, kwantita' dikjarata skond l- Artikolu 5): .....

Kwantita' li nħattet (f'kilogrammi): ....."

▼B

ANNESS II

Standard ta' klassifikazzjoni għal prodotti impurtati

(fuq il-bażi ta' kontenut ta' ndewwa ta' 12 % fil-piż jew ekwivalenti)

Prodott	Qamħ komuni u spelt (1) minbarra meslin			Qamħ durum			Qamħirrum iebes	Qamħirrum ieħor minbarra iebes	Qmuħ oħra
Kodiċi NM	1001 90			1001 10 00			1005 90 00	1005 10 90u 1005 90 00	1002, 1003 u 1007 00 90
Kwalità (2)	Għoli	Medju	Baxx	Għoli	Medju	Baxx			
1. Perċentwal minimu ta' proteina	14,0	11,5	—	—	—	—	—	—	—
2. Piż speċifiku minimu kg/hl	77,0	74,0	—	76,0	76,0	—	76,0	—	—
3. Perċentwal massimu ta'impurità (*Schwarzbesatz*)	1,5	1,5	—	1,5	1,5	—	—	—	—
4. Perċentwal minimu ta' żerriegħa żġiġija	—	—	—	75,0	62,0	—	95,0	—	—
5. Indiċi massimu ta' kemm jitilgħu f'wiċċ l-ilma	—	—	—	—	—	—	25,0	—	—

(1) Inkluż spelt mingħajr il-ħliefa.
(2) Il-metodi ta' analiżi preskritti fil-Parti IV tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009 huma applikabbli.

Tolleranzi

Tolleranza permessa	Qamħ komuni/durum	Qamħirrum iebes
Perċentwal ta' proteina	– 0,7	—
Piż speċifiku	– 0,5	– 0,5
Perċentwal ta' impurità	+ 0,5	—
Perċentwal ta' żerriegħa żġiġija	– 2,0	– 3,0
Indiċi ta' kemm jitilgħu f'wiċċ l-ilma	—	+ 1,0

▼M2

ANNESS III

Boroż ta' kwotazzjoni u varjetajiet ta' referenza

Prodott	Qamħ komuni	Qamħ durum	Qamħirrum
Kwalità standard	Għolja		
Varjetà ta' referenza (tip/grad) għall-kwotazzjoni fil-borża	Hard Red Spring Nru 2	Hard Amber Durum Nru 2	Yellow Corn Nru 3
Borża ta' kwotazzjoni	Minneapolis Grain Exchange	Minneapolis Grain Exchange (1)	Chicago Board of Trade

(1) Fejn l-ebda kwotazzjoni li tista' tintuża għall-kalkolu ta' prezz ta' importazzjoni rappreżentattiv cif ma tkun disponibbli, għandhom jintużaw kwotazzjonijiet fob disponibbli pubblikament fl-Istati Uniti tal-Amerika.

▼B

ANNESS IV

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TAL-KWALITÀ MINN SENASA AWTORIZZAT MILL-GVERN ARĠENTIN (ARTIKOLU 7(2))

REPÚBLICA ARGENTINA

SECRETARÍA DE AGRICULTURA, GANADERÍA, PESCA Y ALIMENTACIÓN
SECRETARY OF AGRICULTURE, LIVESTOCK, FISHERIES AND FOOD

SERVICIO NACIONAL DE SANIDAD Y CALIDAD AGROALIMENTARIA (SENASA)
NATIONAL AGRIFOOD HEALTH AND QUALITY SERVICE

CERTIFICADO DE CALIDAD DE MAÍZ FLINT O PLATA CON DESTINO A LA UNIÓN EUROPEA

QUALITY CERTIFICATE OF FLINT MAIZE OR PLATA MAIZE TO EUROPEAN UNION

MAÍZ FLINT

Grano ..... Cosecha ..... Certificado No .....
Grain Crop Certificate

Exportador .....
Shipper or Seller

Embarcó en el Puerto de ..... el .....
Loaded at the Port of on

En el vapor ..... Bandera .....
Vessel Flag

Bodega ..... Con destino a .....
Hold Destination

Granel kg .....
In bulk

Peso total en kilogramos .....
Total weight

Embolsado kg .....
In bags

Calidad
(quality)
- Granos de Maíz Flint (%):
- Peso hectolítrico (kg/hl):
- Test de flotación (%):

Definición
(definition)

Maíz flint o maíz plata son los granos de la especie *Zea mays* que presentan endosperma predominantemente vítreo (textura dura o córnea) con escasa zona almidonosa, generalmente de color colorado y/o anaranjado, sin hendidura en la parte superior o corona.

OBSERVACIONES .....

REMARQUES .....

.....

Los datos de calidad (grado) se refieren a la mercadería en conjunto, y no necesariamente a los parciales que de él se extraigan.
The data quality (grade) refers to the grain as a whole, and not necessarily to the sublote obtained therefrom.

Cualquier raspadura, enmienda o agregado invalida este documento.
Any erasure, correction or addendum tenders this document null and void.

....

FIRMA Y SELLO
SIGNATURE AND SEAL

FIRMA Y SELLO
SIGNATURE AND SEAL

▼B

ANNESS V

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ AWTORIZZAT MILL-GVERN TAL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA GHALL-QAMH KOMUNI

FORM FGIS-909
JAN 07

UNITED STATES DEPARTMENT OF AGRICULTURE
FEDERAL GRAIN INSPECTION SERVICE
U.S. GRAIN STANDARDS ACT

Approved OMB No. 0580-0013

OFFICIAL EXPORT INSPECTION CERTIFICATE

ORIGINAL

US-XXXX-X-XXXX
NOT NEGOTIABLE

LEVEL OF INSPECTION: **ISSUED AT:** **DATE OF SERVICE:**

IDENTIFICATION: **LOCATION:** **QUANTITY:** (this is NOT a weight certificate)

GRADE AND KIND:

RESULTS:

REMARKS:

I CERTIFY THAT THE SERVICES SPECIFIED ABOVE WERE PERFORMED WITH THE RESULTS STATED.

APPLICANT NAME: **NAME OR SIGNATURE:**

ISSUING OFFICE:

This certificate is issued under the authority of the United States Grain Standards Act, as amended (7 U.S.C. 71 *et seq.*), and the regulations thereunder (7 CFR 800.0 *et seq.*). It is issued to show the kind, class, grade, quality, condition, or quantity of grain; or the condition of a carrier or container for the storage or transportation of grain; or other facts relating to grain as determined by official personnel. The statements on the certificate are considered true at the time and place the inspection or weighing service was performed. The certificate shall not be considered representative of the lot if the grain is transshipped or is otherwise transferred from the identified carrier or container or if grain or other material is added to or removed from the total lot. If this certificate is not canceled by a superseding certificate, it is receivable by all officers and all courts of the United States as prima facie evidence of the truth of the facts stated therein. This certificate does not excuse failure to comply with the provisions of the Federal Food, Drug, and Cosmetic Act or other Federal law.

WARNING: Any person who shall knowingly falsely make, issue, alter, forge, or counterfeit this certificate, or participate in any such actions, or otherwise violate provisions in the U.S. Grain Standards Act, the U.S. Warehouse Act, or related Federal laws is subject to criminal, civil, and administrative penalties. The conduct of all services and the licensing of personnel under the regulations governing such services shall be accomplished without discrimination as to race, color, religion, sex, national origin, age, or handicap.

According to the Paperwork Reduction Act of 1995, no persons are required to respond to a collection of information unless it displays a valid OMB control number. The valid OMB control number for this information is 0580-0013. The time required to disclose this recordkeeping requirement is to average 39.097 hours per recordkeeper annually, including the time to retain such records, and to notify, disclose, and report to third parties such recordkeeping requirements.

▼B

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ AWTORIZZAT MILL-GVERN TAL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA GHALL-QAMH DURUM

FORM FGIS-909
JAN 07

UNITED STATES DEPARTMENT OF AGRICULTURE
FEDERAL GRAIN INSPECTION SERVICE
U.S. GRAIN STANDARDS ACT

Approved OMB No. 0580-0013

OFFICIAL EXPORT INSPECTION CERTIFICATE

ORIGINAL

US-XXXX-X-XXXX
NOT NEGOTIABLE

LEVEL OF INSPECTION: **ISSUED AT:** **DATE OF SERVICE:**

IDENTIFICATION: **LOCATION:** **QUANTITY:** (this is NOT a weight certificate)

GRADE AND KIND:

RESULTS:

REMARKS:

I CERTIFY THAT THE SERVICES SPECIFIED ABOVE WERE PERFORMED WITH THE RESULTS STATED.

APPLICANT NAME: **NAME OR SIGNATURE:**

ISSUING OFFICE:

This certificate is issued under the authority of the United States Grain Standards Act, as amended (7 U.S.C. 71 *et seq.*), and the regulations thereunder (7 CFR 800.0 *et seq.*). It is issued to show the kind, class, grade, quality, condition, or quantity of grain; or the condition of a carrier or container for the storage or transportation of grain; or other facts relating to grain as determined by official personnel. The statements on the certificate are considered true at the time and place the inspection or weighing service was performed. The certificate shall not be considered representative of the lot if the grain is transshipped or is otherwise transferred from the identified carrier or container or if grain or other material is added to or removed from the total lot. If this certificate is not canceled by a superseding certificate, it is receivable by all officers and all courts of the United States as prima facie evidence of the truth of the facts stated therein. This certificate does not excuse failure to comply with the provisions of the Federal Food, Drug, and Cosmetic Act or other Federal law.


WARNING: Any person who shall knowingly falsely make, issue, alter, forge, or counterfeit this certificate, or participate in any such actions, or otherwise violate provisions in the U.S. Grain Standards Act, the U.S. Warehouse Act, or related Federal laws is subject to criminal, civil, and administrative penalties. The conduct of all services and the licensing of personnel under the regulations governing such services shall be accomplished without discrimination as to race, color, religion, sex, national origin, age, or handicap.

According to the Paperwork Reduction Act of 1995, no persons are required to respond to a collection of information unless it displays a valid OMB control number. The valid OMB control number for this information is 0580-0013. The time required to disclose this recordkeeping requirement is to average 39.097 hours per recordkeeper annually, including the time to retain such records, and to notify, disclose, and report to third parties such recordkeeping requirements.

▼B

ANNESS VI

MUDELL TA' ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ AWTORIZZAT MILL-GVERN TAL-KANADA GHAL DAK LI JIRRIGWARDAL- ISPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' GRADI GHALL-ESPORTAZZJONI TA' QAMH KOMUNI U DURUM



▼B

Speċifikazzjonijiet ta' gradi għall-esportazzjoni ta' qamħ komuni u durum Kanadiż

QAMĦ KOMUNI

Kanada Western Red Spring (CWRS)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CWRS	(Min.) 79,0 kg/eL	(Mass.) 0,4 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CWRS	(Min.) 77,5 kg/eL	(Mass.) 0,75 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 3 CWRS	(Min.) 76,5 kg/eL	(Mass.) 1,25 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

Kanada Western Extra Strong Red Spring (CWES)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CWES	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mass.) 0,75 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CWES	(Min.) 76,5 kg/eL	(Mass.) 1,5 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

Kanada Prairie Spring Red (CPSR)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CPSR	(Min.) 77,0 kg/eL	(Mass.) 0,75 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CPSR	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mass.) 1,5 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

Kanada Prairie Spring White (CPSW)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CPSW	(Min.) 77,0 kg/eL	(Mass.) 0,75 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CPSW	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mass.) 1,5 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

Kanada Western Red Winter (CWRW)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CWRW	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mass.) 1,0 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CWRW	(Min.) 74,0 kg/eL	(Mass.) 2,0 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

Kanada Western Soft White Spring (CWSWS)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CWSWS	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mass.) 0,75 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CWSWS	(Min.) 75,5 kg/eL	(Mass.) 1,0 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 3 CWSWS	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mass.) 1,5 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

▼B

QAMĦ DURUM

Kanada Western Amber Durum (CWAD)	Piż speċifiku minimu	Kontenut totali ta' impurità inklużi żrieragħ ta' ċereali oħra
Nru 1 CWAD	(Min.) 80,0 kg/eL	(Mass.) 0,5 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 2 CWAD	(Min.) 79,5 kg/eL	(Mass.) 0,8 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 3 *CWAD*	(Min.) 78,0 kg/eL	(Mass.) 1,0 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra
Nru 4 *CWAD*	(Min.) 75,0 kg/eL	(Mass.) 3,0 % inkluż 0,2 % żrieragħ oħra

Noti:

"Żrieragħ ta' ċereali oħra": F'dawn il-gradi, inkludi biss ħafur, xgħir, segala u triticale.

"Qamħ komuni": Għal esportazzjonijiet tal-qamħ komuni, il-Canadian Grain Commission se tipprovdi dokumentazzjoni maċ-ċertifikat li tispeċifika l-perċentwal tal-proteina għat-tagħbija inkwistjoni.

"Qamħ durum": Għal esportazzjonijiet tal-qamħ durum, il-Canadian Grain Commission se tipprovdi dokumentazzjoni maċ-ċertifikat li tixhed il-perċentwal tal-qalba żġiġija u l-piż speċifiku (kilogrammi/ettolitri) tat-tagħbija inkwistjoni.

▼B

ANNESS VII

METODU STANDARD GĦALL-KALKOLU TAL-INDIĊI TA' KEMM JITILGĦU F'WIĊĊ L-ILMA (ARTIKOLU 7(3))

Ħejji taħlita bl-ilma ta' nitrat tas-sodju tal-piż speċifiku ta' 1,25 u kkonservaha f'temperatura ta' 35 °C.

Poġġi fit-taħlita 100 żerriegħa tal-qamħirrum minn kampjun rappreżentattiv bil-kontenut massimu ta' ndewwa ta' 14,5 %.

Ħawwat it-taħlita b'intervalli ta' 30 sekonda għal ħames minuti sabiex telimina l-bżieżaq tal-arja.

Ifred iż-żerriegħat li jitilgħu f'wiċċ l-ilma miż-żerriegħat imgħarrqa u għoddhom.

L-indiċi ta' kemm jitilgħu f'wiċċ l-ilma jiġi kkalkulat kif ġej:

Indiċi ta' kemm jitilgħu fwiċċ l-ilma għall-prova = (numru ta' żerriegħat li jitilgħu f'wiċċ l-ilma)/(numru ta' żerriegħat imgħarrqa) × 100

Irrepeti għal ħames darbiet.

L-indiċi ta' kemm jitilgħu f'wiċċ l-ilma huwa l-medja aritmetika għall-ħames provi minbarra ż-żewġ valuri estremi.

▼B

ANNESS VIII

Regolament imħassar flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tagħha

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96	
(ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 641/97	
(ĠU L 98, 15.4.1997, p. 2)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2092/97	
(ĠU L 292, 25.10.1997, p. 10)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2519/98	
(ĠU L 315, 25.11.1998, p. 7)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2235/2000 ([1])	Artikolu 2 biss
(ĠU L 256, 10.10.2000, p. 13)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2001	
(ĠU L 283, 27.10.2001, p. 8)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 597/2002	
(ĠU L 91, 6.4.2002, p. 9)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1900/2002	
(ĠU L 287, 25.10.2002, p. 15)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1110/2003	
(ĠU L 158, 27.6.2003, p. 12)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004	Artikolu 5 biss
(ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1074/2008	
(ĠU L 294, 1.11.2008, p. 3)	
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 459/2009	
(ĠU L 139, 5.6.2009, p. 3)	
Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 170/2010	
(ĠU L 51, 2.3.2010, p. 8)	

([1]) Dan ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament (KE) Nru 2015/2001 (ĠU L 272, 13.10.2001, p. 31).

▼B

ANNESS IX

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 1249/96	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1), l-ewwel u t-tieni sentenzi	Artikolu 2(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(1), it-tielet sentenza	Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(3)
Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu, it-tieni u t-tielet inċiżi	Artikolu 2(4), l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu	Artikolu 2(4), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2(5), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza	Artikolu 3(1)
Artikolu 2(5), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza	Artikolu 3(2)
Artikolu 2(5), l-ewwel subparagrafu, it-tielet sentenza	Artikolu 3(3)
Artikolu 2(5), it-tieni subparagrafu	Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(5), it-tielet subparagrafu	Artikolu 3(4), it-tieni subparagrafu
Artikolu 2a	—
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4(1)	Artikolu 5(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 5(2)
Artikolu 4(3), l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi	Artikolu 5(3)(a), (b) u (c)
Artikolu 4(4)	Artikolu 5(4)
Artikolu 4(5)	Artikolu 5(5)
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 6(1a), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi	Artikolu 7(2), l-ewwel subparagrafu, punti (a), (b) u (c)
Artikolu 6(1a), mit-tieni sas-sitt subparagrafi	Artikolu 7(2), mit-tieni sas-sitt subparagrafi
Artikolu 6(2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 6(2), it-tieni subparagrafu	Artikolu 7(3), it-tieni subparagrafu
Artikolu 6(2), it-tielet subparagrafu, l-ewwel u t-tieni inċiżi	Artikolu 7(3), it-tielet subparagrafu, punti (a) u (b)
Artikolu 6(2), ir-raba' subparagrafu	Artikolu 7(3), ir-raba' subparagrafu
Artikolu 6(2), il-ħames subparagrafu	Artikolu 7(3), il-ħames subparagrafu
Artikolu 6(3)	Artikolu 7(4)
Artikolu 6(4)	Artikolu 7(5)

▼B

Regolament (KE) Nru 1249/96	Dan ir-Regolament
Artikolu 7	—
Artikolu 8	—
—	Artikolu 8
—	Artikolu 9
Anness I	Anness II
Anness II	Anness III
Anness III	—
Anness IV	Anness IV
Anness IVa	Anness V
Anness IVb	Anness VI
Anness V	Anness VII
Anness VI	Anness I
—	Anness VIII
—	Anness IX